

# IL-JUM TA'L-ERBA KAPPILLANI

Bhal hafna zaghzagh ohra ta' zmienu, John P Washington, sema' bit-tragedja ta' l-attakk gappuniz fuq Pearl Harbour fis-7 ta' Dicembru 1941 u ddecieda li jingagga. Id-differenza kienet li John Washington kien qassis kattoliku. Imma huwa ried ikun jista jaqdi lil dawk li kienu jservu lil pajjizhom fi zmien il-gwerra.

L-ewwel pass tieghu kien li jidhol fl-ufficcju lokali tar-reklutagg. Huwa seta' jigi accettat bhala kappillan tan-Navy, izda falla mit-test tal-vista. Bhala tifel li kien jghix gewwa New Jersey, intlaqat minn ballun tal-baseball, b'mod li hallieh difettuz minn ghajn wahda, hekk li kellu jaghmel uzu minn lentijiet korrettivi.

Dizappuntat, mar lura fil-parrocca tieghu, St Stephen's f'Kearny, New Jersey, fejn kien assistent parokku sa mis-sena 1938.

Meta stqarr id-dizappunt tieghu mal-kappillan tieghu Mons Murphy li kien serva ghal xi zmien fl-Armata, jinghad li dan qallu: "Meta jitolbuk taghmel it-test tal-vizta, ghatti l-istess ghajn darbtejn."

U hekk ghamel meta talab biex jidhol fl-Armata. U rnexxilu.

Assenjawh f'diversi bazijiet fl-Istati Uniti sakemm fl-ahhar gie mibghut ma' 900 suldat lejn il-bazi ta' Greenland abbord id-Dorchester. Qatt ma irritorna lura.

Ftit wara nofsillejl tat-3 ta' Frar, 1943, id- Dorchester safa' milqut minn torpedo sparat minn U-boat Nazista. Il-vapur tat-trasport tal-armata ghereq fl-ilmijiet keshin silg tal-Atlantiku tat-Tramuntana f' 20 minuta biss, u ha mieghu l-



bicca l-kbira tal-passiggieri suldati fil-qieh tal-bahar. Imma l-erojizmu ta' Fr. Washington u tliet kappillani ohra – il-Lt. Alexander D. Goode, rabbi; Il-Lt. George L. Fox, ministru Metodista, u l-Lt. Clark V. Poling, ministru Olandiż Riformat – baqa' jkun imfakkar sena wara l-ohra.

Din is-sena fi Frar 2023, il-parrocca ta' St Stephen se tfakkar din il-grajja f'għeluq it-80 anniversarju.

Hekk kif id- Dorchester beda jegħreq, l-erba' kappillani daru fost it-truppi  joffru  kuragg u konfort. F'ħin minnhom, nehhew il-gkieket tas-salvatagg u tawhom lit-truppi minhabba li l-provvista tal-bastiment kienet



spiccat. Xhud okulari jistqarru li raw l-kappillani – bil-wieqfa mal-poggaman tal-vapur, b'dirgħajhom maghquda u jitolbu.

Mid-902 ragel abbord, mietu 672, inkluzi l-erbgha li kienu sostnew il-kuragg lil shabhom tal-vapur. 230 ragel biss baqghu hajjin.

Għaxar snin ilu, il-parrocca St Stephen in Kearny immortalizzat is-sagrificcju tal-kappillani meta kkummissjonat  Timothy Schmalz, skultur ta' fama

internazzjonali biex joħloq monument tal-bronż ta' 12-il pied u bħala xhieda tal-erojizmu taghhom. L-istatwa tinsab barra l-bini tal-knisja, flimkien ma' plakka li taghti dettalji dwar l-istorja tal-Erba' Kappillani.



Fr. Washington u l-ohrajn, raw il-bzonn u wiegbu ghall-htieġa. Dik hi l-lezzjoni ghalina. Jista' jkun li ma jkollniex hafna hin biex nahsbu dwar xi bzonn, imma rridu niehdu decizjoni."

